# Sehem l-Għaqda San Gejtanu f'attivitajiet fil-Belt Valletta

**Minn Horace Muscat, President Onorarju**

Illum se nagħtu ħarsa ftit dettaljata, mhux kompluta, tas-sehem li minn żmien għal żmien l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tat f'diversi okkażjonijiet fil-belt kapitali tagħna, Valletta. Meta wieħed jagħmel ftit studju mingħajr ma jidħol f'kull dettal, lanqas qatt jimmaġina kemm ivarjaw dawn il-parteċipazzjonijiet matul is-snin. Se nibda mis-sena 1907, avolja jista' jkun hemm attivitajiet oħra li s-Soċjetà Filarmonika San Gaetano ħadet sehem fihom qabel dan iż-żmien:

1907 (Il-Ħadd 4 ta' Awissu) – Fi Pjazza San Giorgio (Palace Square). Wara saret laqgħa għall-Banda fil-Każin King's Own. Dir. Joseph Sammut. 1908 – Festa tal-kbir Patrijarka San Domenico ħdejn il-Knisja ta' San Duminku, il-Knisja ta' Ġesù u Pjazza San Giorgio rispettivament. Dir. il-Professur Salvatore Abela Scolaro.

1911 (22 ta' Ġunju) – Festi ta' l-Inkurunazzjoni tar-Reġina u r-Re Dwardu VII. L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kienet waħda minn 23 Banda li daqqew mix-Xagħra tal-Furjana għall-Belt, minn Strada Rjali, fejn kull waħda waqfet iddoqq il-"God Save the Queen" fi Pjazza San Giorgio wara Triq Merkanti. Kull Banda kienet akkumpanjata bi Standard.

1912 (Ġunju) – Is-Sur Gravino Portelli, l-ewwel President ta' l-Għaqda u wara President Onorarju, qala' wegħda bl-interċessjoni ta' Nazju Falzon (illum Beatu) għat-tifel tiegħu u għamel statwa tiegħu. Irregalaha lill-Patrijiet tal-Knisja ta' Ġesù.

1913 – Festa ta' San Duminku. Il-Banda iddoqq ħdejn il-Knisja ta' San Duminku. Festa ta' l-Irxoxt magħrufa bħala "l-Ottava di N.S. Risorto). Tesegwixxi programm taħt id-Direttur, il-Professur Salvatore Abela Scolaro.

1917 – Marċ u Programm fl-okkażjoni ta' l-"Ottava di Pasqua". Direttur Salvatore Mallia.

1918 – Marċ u wara Programm fi Strada Mercante għall-"Ottava di N.S. Ġesù Cristo". Direttur Salvatore Mallia.



**Horace Muscat**

1919 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, irrappreżentata mill-President u Viċi President fl-Assemblea Nazzjonali għal Kostituzzjoni aħjar taħt Sir Filippu Sciberras, meta nqala' l-inkwiet tas-Sette Giugno. B'effett ta' dan Malta kisbet is-Self-Government fl-1921.

1922 – Għall-okkażjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, il-Banda San Gejtanu daqqet marċi funebri ta' Mro. Antonio Micallef fi Strada Merkanti. Ħadet ukoll sehem fil-Programm Sagru, Sabat Mater ta' Rossini billi esegwiet Cujas Anima, Preghiera Pietra Signor, Pia Mater u Pro Peccatis. Direttur Antonio Micallef.

1923 – Il-laqgħa għal inizjattiva tal-King's Own għal Tombla (Lottu) lill-baned ġewwa Palazzo Spinola. Sittin delegat minn Malta u Għawdex. Preżenti 19-il Banda, fosthom l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu. Inħatar President tal-Kumitat il-Professur Carlo Mallia, B. Lit, LLA, u Segretarju s-Senatur Salv. Zammit.

1926 – Il-Banda San Gejtanu terġa' iddoqq din id-darba fi Pjazza Reġina għall-Festa ta' l-Irxoxt. Direttur Ġanni Grech.

1928 – Il-Banda San Gejtanu ddoqq fil-Festa ta' San Duminku. Direttur Giov. Grech. Preżentazzjoni mill-Banda King's Own ta' Bandalora lill-Għaqda San Gejtanu li għadha tinżamm b'għożża kbira u tintrama' fil-Festa ta' San Gejtanu biex titgawda minn kull min iżur il-Palazz Thiene f'dawn il-ġranet.

1929 – Il-Banda San Gejtanu terġa' tieħu sehem fil-Festa ta' San Duminku.

1930 u 1931 – Il-Banda San Gejtanu tieħu sehem fil-Festa tal-Patrijarka San Duminku.

1932 – Il-Banda King's Own kellha tirrepeti l-Programm bis-surmast ġdid tagħha Francesco gobet fil-Palazz Thiene.

1933 – Il-Banda San Gejtanu terġa' tieħu sehem fil-Festa ta' Kristu Rxoxt b'marċ u programm.

1934 – Il-Banda San Gejtanu u l-Kumpanija tal-Karnival "Shining Stars" jieħdu sehem fil-Kompetizzjoni tal-Karnival kif ukoll fil-King's Own u t-Teatru Rjal. Programm mużikali mill-Banda San Gejtanu ħdejn il-Knisja tal-Ġiżwiti. Programm għall-festi ċentinarji tal-Kanonizzazzjoni tal-Patrijarka San Duminku.

1935 – Festi tas-Silver Gubilee tar-Re Ġorġ V. Il-Banda San Gejtanu tieħu sehem kemm fi sfilata ta' baned li daqqew kollha flimkien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carlu diacono, kif ukoll fil-Pjazza tal-Palazz. Il-Banda San Gejtanu terġa' tieħu sehem b'marċ u programm fil-Festa ta' l-Irxoxt.

1936 – L-Għaqda San Gejtanu terġa' tieħu sehem bil-Kumpanija "Poppies" fil-Karnival u reġgħet ħarġet bl-unuri.

1937 – Il-Banda San Gejtanu terġa' tieħu sehem b'marċ u programm fil-festi ta' l-Irxoxt kif ukoll ta' San Duminku. Programm u marċ mill-Banda San Gejtanu fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali li kienet tikkonsisti kif ġej: Programm mużikali f'Misraħ Reġina bejn il-5.00pm u s-6.00pm. Wara marċ minn quddiem il-Ġiżwiti u timxi quddiem Karru Trijonfali għal ħdejn it-Teatru Rjal u meta tasal Strada Rjali, jiżdiedu magħha ż-żewġ baned tal-Belt, King's Own u La Vallette. Sehem fil-Festi li saru ta' l-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI (missier ir-Reġina ta' l-Ingilterra tal-lum).

Is-snin 1939 - 1943 - 1945 kienu żmien tat-Tieni Gwerra Mondjali, li matulha f'Malta kien hawn il-*blackout* u l-*curfewu* l-festi ta' barra kienu waqfu totalment. Ħafna mill-każini bdew iservu ta' skola, għar-refuġjati, servizzi ecc. Il-Każin ta' l-Għaqda San Gejtanu kien serva ta' Qorti, fejn fost każi oħra, żewġt aħwa kienu ġew issentenzjati għall-mewt, f'dik li kellha tkun l-aħħar sentenza bħal din esegwita fil-gżejjer tagħna. Biss ta' tifel li kont niftakar ukoll li fil-każin kienu jsiru kunċerti tal-baned.

1943 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kienet waħda mill-ftit baned Maltin li kienu daqqew fi żmien il-gwerra meta r-Re Ġorġ VI għamel żjara f'Malta. Tajjeb ngħidu li barra din l-okkażjoni, l-Għaqda San Gejtanu għamlet marċijiet tar-rebħa fuq l-Italja f'Settembru kif ukoll ħadet sehem fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. F'Ottubru ġie ntroduċut lill-membri Mro. Jos. Abela Scolaro.

1945 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tieħu sehem fl-Assemblea Nazzjonali taħt il-Presidenza tal-Professur Luigi Preziosi. Kienet rappreżentata mill-President Robert Bencini u Wigi Azzopardi. Kienu saru ħafna riformi, fosthom dik li jingħata l-vot lil kulħadd, u spiċċa li min kien ikollu diversi voti skond il-proprjetà jew renta li jkollu, u min xejn. Ingħata wkoll il-vot lin-nisa għall-ewwel darba, wara ġlied kif ukoll tfiegħ ta' siġġijiet. Spiċċat il-Kamra tas-Senat li kienet magħmula minn rappreżentanti tan-nobbli, kleru, partiti u oħrajn, li kienet tgħaddi liġijiet mressqa fil-Parlament. Niftakar li attendejt laqgħat, u min għandu l-età tiegħu jiftakar dawn l-affarijiet, speċjalment is-seduti ġenerali.

1949 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ħadet sehem bil-Kumpanija tal-Karnival "Joy Riders", iktar magħrufa bħala "Kukkużejt".

1953 – Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ħadet sehem b'karru għall-okkażjoni li kien jirrappreżenta lir-Reġina u lil Malta, kif ukoll id-dominji Ingliżi. Il-Banda San Gejtanu ħadet sehem fi sfilata ta' numru kbir ta' baned Maltin fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta. Għal numru ta' bandisti din kienet veru festa kbira. L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tieħu sehem fil-Karnival bil-karru trijonfali "King Kong Crew" u bil-Kumpanija tal-Karnival "Joyeaux Canarda", żfin u karru.

1954 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tieħu sehem bil-Kumpanija tal-koppji "Cococobana" kif ukoll tkun l-ewwel kumpanija fil-gżejjer Maltin li rebħet premju ta' £250 mogħti mid-ditta Farsons għall-aħjar kumpanija fil-Karnival dik is-sena.

1956 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, fis-Sena Jublew tad-deheb tagħha, kienet għaddejja b'diversi xogħlijiet ta' alterazzjonijiet, bini, dawl, żebgħa, suffetti u bibien fil-każin. Ħadet sehem fil-Karnival bil-Kumpanija tal-Koppji "Salonde Francon".

1957 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu għal dan il-Karnival reġgħet daħlet bil-Kumpanija tal-Parata Kavallieri u Torok, bit-tfal tal-membri, u bil-Kumpanija "Donkeys in Gala".

1958 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu għal sena oħra reġgħet daħlet bil-Kumpanija tal-Koppji "Satellites and Spacemen" u għall-Parata Kavallieri u Torok, li baqgħet tagħmel hekk sas-snin sittin, meta mbagħad bdew jieħdu ħsiebha l-Ħamrun Boy Scouts.

1960 – Festi Ċentinarji ta' l-elf u disa' mitt sena mill-miġja f'Malta ta' Missierna San Pawl. Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ħadet sehem fil-festi li saru. Ma tistax ma ssemmix li l-konkors għall-Innu Uffiċjali ta' dawn il-Festi Ċentinarji kien intrebaħ minn Mro Joseph Abela Scolaro FLCM għal dik li hija mużika fuq lirika ta' Dun Frans Camilleri, minn fost 18-il biċċa xogħol li ġew ippreżentati. Ta' dan ix-xogħol Mro. Scolaro rebaħ premju ta' £20 (*Times of Malta* - Nov. 1959). Fi programm ta' Kunċert Sinfoniku Pawlin, li sar għall-okkażjoni tad-XIX Ċentinarju, indaqqu x-xogħlijiet ta' Carmelo Pace, Cavallata għall-orkestra u kor "A San Paolo", Mro. Jos. Abela Scolaro, Cantata, San Pawl. Kor u Orkestra u Mro. Carlo Diacono, Oratorio San Paolo evangelizza i Maltesi, li kien taħt ibnu Mro. Frankie (*Leħen is-Sewwa* – 8 ta' Ġunju 1960).

1961 – L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu wara li għamlet marċ minn ħdejn it-Teatru Rjal matul Strada Rjali u Pjazza Reġina fejn esegwiet Programm Mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Abela Scolaro fejn daqqet kompożizzjonijiet tiegħu stess u ġiet milqugħa b'ċapċip kbir minn dawk fil-gallarija tal-

Każin Malti. Dan kien Jum l-Indipendenza ta' Malta, nhar il-21 ta' Settembru.
Dawn kienu żminijiet diffiċli ħafna għall-Għaqda tagħna f'dak li huwa servizz tal-Banda speċjalment fejn kienu jidħlu l-Ordnijiet Reliġjużi diversi, għax il-President kien Dr Anton Buttigieg li kien jifforma parti mill-Partit Laburista li kien ġie mogħti l-interdett mill-Arċisqof Mons. Michael Gonzi. L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu f'ċerti postijiet għadha sal-lum qatt ma ġiet mistiedna aktar.
Snin Sittin u Sebgħin – Il-Banda kif ukoll il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu għal xi drabi oħra daqqet fil-Festa tat-8 ta' Settembru. Kellha parteċ ipazzjoni annwali fil-Festa ta' Kristu Re, li kienet tibda minn fuq Kastilja, wara tqegħid ta' kuruni fuq il-Monument fil-Mall, u tispiċċa fuq il-Fosos. L-istess kienet annwali l-preżenza tal-kumitat fil-Festa Nazzjonali ta' l-Otto Settembre, meta kienu jsiru diskorsi fuq iż-żewġ gwerer, l-Assedju u r-rebħa fuq it-Torok, kif ukoll fuq il-Faxxiżmu u n-Nażiżmu fit-Tieni Gwerra Dinjija.
1978 – Il-Banda ta' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu kienet l-aħħar Banda li daret mat-toroq tal-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' Festa Nazzjonali oħra, Jum ir-Repubblika fit-13 ta' Diċembru. Mis-sena ta' wara ħadet l-importanza l-festa ta' Jum il-Ħelsien fil-31 ta' Marzu.
1983 – Il-Banda ta' l-Għaqda Mużikali San Gejtanu tieħu sehem fil-funeral tal-President tagħha, u President ta' Malta Dr Anton Buttigieg. Hija l-unika Banda li sal-lum ħadet sehem fil-funeral statali ta' president ta' Malta fil-gżejjer Maltin.
1995 – Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tieħu sehem lejliet u nhar il-Festa tal-Madonna ta' Liesse. Tesegwixxi wkoll programm fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Cecilia. Iżżanżan lazzijiet tad-deheb. Il-Banda tieħu sehem ukoll fil-festi tal-Milied.
1996 – Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu terġa' tieħu sehem fil-Festa ta' l-Irxoxt u nhar il-Festa tal-Madonna ta' Liesse. Il-Banda tagħna terġa' tibda tieħu sehem fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, din id-darba bil-marċ ta' filgħodu. Il-Banda terġa' tieħu sehem fil-Festi tal-Milied.
1997 – Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ġiet ikkummissjonata l-Marċ ta' filgħodu tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, tmien servizzi infila fl-aħħar snin.
1999 – Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tkun waħda mill-għaxar baned li ffurmaw Mass Band għall-Festi tal-Millennju.
2000 – Il-Banda ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tieħu sehem fil-Festi ta' San Pawl, li jsiru mill-Kolleġġjata tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfraġu.
Wieħed irid jifhem li f'din il-lista kemmxejn twila, mhux bilfors hemm miġbura d-dettalji kollha ta' kemm-il darba l-Banda u l-kumitat ħadu sehem f'okkażjonijiet fil-Belt Valletta. Biss kemm jista' jkun dħalt f'ċertu dettalji.
Rigward il-Karnival, ma semmejtx kulfejn il-Kumpaniji żifnu fil-Belt Valletta, bħalma huma t-Teatru Rjal, it-Teatru Manoel, Każini tal-Baned, Swali taċ-Ċinema bħall-Embassy u s-Savoy, kif ukoll l-Awla Magna, fost oħrajn.
Fejn jirrigwarda l-isports bħall-billiard, snooker, table-tennis u darts, dawn ma semmejt xejn, imma żgur li għal diversi snin, sar logħob kemm fuq bażi individwali kif ukoll timijiet fil-każini King's Own, La Vallette, Anglo Maltese, Overseas u Vernon, kif ukoll fil-Club tas-Civil, okkażjonijiet li kienu numerużi u jridu ħafna spazju biex tkun tista' tidħol fid-dettal. Min kien jieħu parti fit-timijiet jew jirrappreżenta l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu f'dan l-isports, nitolbuh jiskużana. Madankollu nista' ngħid li l-isports huwa wkoll parti mill-istorja glorjuża ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu

**JEKK INT TIFTAĦAR BL-GĦAQDA SAN GEJTANU, KUN TAMLI TASSEW U SSIEĦEB BĦALA MEMBRU FIHA, U ATTENDI GĦALL-BOSTA ATTIVITAJIET LI JIĠU ORGANIZZATI TUL IS-SENA KOLLHA!**